# FIL-QORTI ĊIVILI – PRIM AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## IAN SPITERI BAILEY LL.M. LL.D.

## Illum, it-Tnejn 14 ta’ April 2025

Fl-atti tar-rikors għall-ħruġ ta` **Mandat ta` Inibizzjoni Numru 487/2025 ISB** fl-ismijiet :

**L-Avukat Karl John Tanti** (K.I. Nru 121990M) bħala mandatarju speċjali ta’ **Konstantyin Sobol** (Passaport Ukren FE229642) u MB Shipping Ltd (C-40945)

VS

**Avukat Joseph Mizzi** (K.I. Nru 29787G) bħala Mandatarju ta’: **Iurii Degtiar** (Passaport Ukren FG216738) u **Mykhailo Tretiak** (Passaport Ukren FG347129)

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors preżentat mir-rikorrenti noe fil-21 ta’ Marzu 2025 fejn huwa talbu lil din il-Qorti sabiex iżżomm lill-intimat noe milli :

*i. **Bi kwalunkwe mod, jagħtu kwalunkwe struzzjoni, ordni jew preferemza, jew li jivvutaw, direttament u/jew indirettament, bħala azzjonisti, bl-intenzjoni li jneħħu lil Tetiana Tsypkunova mill-***

*kariga tagħha ta' direttrici tas-socjetà MB Shipping Ltd fil-laqgħa ġenerali straordinarja li ġiet imsejħa mill-istess azzjonisti u li ser tinzamm fil-25 ta' Marzu 2025;*

*ii. Bi kwalunkwe mod, jagħtu kwalunkwe struzzjoni, ordni u/jew preferenza, jew li jivvutaw, direttament u/jew indirettament, bħala azzjonisti, sabiex jappuntaw lil Mykhailo Tretiak u/jew lil Iurii Degtiar fil-kariga ta' direttur tas-socjetà MB Shipping Ltd fil-laqgħa ġenerali straordinarja li ġiet imsejħa mill-istess azzjonisti u li ser tinżamm fil- 25 ta' Marzu 2025;*

*iii. Bi kwalunkwe mod, jaghtu kwalunkwe struzzjoni, ordni u/jew preferenza, jew li jivvutaw, direttament u/jew indirettament, bhala azzjonisti, bl-intenzjoni li jnehhu lil Tetiana Tsypkunova mill-kariga taghha ta' direttrici tas-socjeta MB Shipping Ltd fil-laqgha generali straordinarja li giet msejha mill-istess azzjonisti u li ser tinzamm fi kwalunkwe data sussegwenti ghal 25 ta' Marzu 2025, u dan sakemm jigi appuntat amministratur skond id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 402 tal-Kap 386 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*iv. Bi kwalunkwe mod, jaghtu kwalunkwe struzzjoni, ordni u/jew preferenza, jew li jivvutaw, direttament u/jew indirettament, bhala azzjonisti, sabiex jappuntaw lil Mykhailo Tretiak u/jew lil Iurii Degtiar fil-kariga ta' direttur tas-socjeta MB Shipping Ltd fil-laqgha generali straodrinarja li giet msejha mill-istess azzjonisti u li ser tinzamm fi kwalunkwe data sussegwenti ghal 25 ta' Marzu 2025, u dan sakemm jigi appuntat amministratur skond id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 402 tal-Kap 386 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*v. Jagħmlu kwalunkwe ħaġa u/jew jieħdu kwalunkwe deċiżjoni f'isem is-soċjetà esponenti li m'għandhomx il-jedd u/jew l-awtorità li jagħmlu in kwantu tali azzjoni/deċiżjoni tispetta lid-direttriċi tas-soċjetà esponenti u mhux lill-azzjonisti tagħha, inkluż iżda mhux limitatament milli jikkorrispondu f'isem is-soċjetà esponenti ma' banek li magħhom is-soċjetà esponenti għandha kont bankarju, fosthom Credit Suisse (UBS) u CIM Banque Privee SA fl-Isvizzera, Zapad Bank fil-Montenegro, Piraeus Bank fil-Greċja, u Citibank fir-Renju Unit;*

*vi. Bi kwalunkwe mod u manjiera, personalment jew tramite terzi, direttament jew indirettament, jittentaw jipotekaw, ibiegħu, ineħħu, jittrasferixxu, jagħtu xi struzzjoni fi kwalunkwe kapaċità jew bi kwalunkwe mod ieħor jiddisponu minn kwalunkwe assi tal-istess soċjetà esponenti, mobbli jew immobbli, inkluż b'titolu oneruż u/jew gratuwitu, bl-għan illi jiżvestu lis-soċjetà esponenti mill-assi tagħha;*

vii. ***Jipparteċipaw f'ri-organizzazzjoni jew ristrutturar tas-socjetà esponenti li permezz tagħhom isir tnaqqis fil-valur tal-ishma tal-azzjonist Konstiantyn Sobol jew b'xi mod ieħor jintilfu d-drittijiet attinenti lill-istess ishma li dawn igawdu illum, jew li jagħtu il-kunsens tagħhom bil-mod maħsub mill-Liġi u/jew fl-istatut ossija l-Memorandum and Articles of Association tas-soċjetà esponenti għal żieda fil-kapital azzjonarju maħruġ ossija l-issued share capital tal-istess soċjetà esponenti u kif ukoll milli jagħtu l-kunsens tagħhom bil-mod maħsub mill-Liġi u/jew fl-istatut ossija l-Memorandum and Articles of Association tas-soċjetà esponenti għall-allokazzjoni ossija sottoskrizzjoni ta' ishma ġodda lil terzi inklużi lill-intimati-azzjonisti preżenti tas-soċjetà esponenti fejn tali żieda u tali ħruġ jew allokazzjoni jnaqqsu jew iċekknu s-sehem (perċentwal) tal-ishma preżentement maħruġa.***

u dan għar-raġunijiet u l-premessi magħmula fir-rikors promotur:

1. *Illi s-soċjetà esponenti hija kumpanija reġistrata Malta u għandha kapital azzjonarju awtorizzat u maħruġ ta' ħamest elef Dollaru Amerikan ($5,000) maqsuma f'ħamest elef ishma ordinarji b'valur ta' Dollaru Amerikan ($1) kull sehem, u dan hekk kif jirriżulta mill-aħħar statut li qiegħed jiġi hawn anness u mmarkat bħala 'Dok. A';*

2. *Illi l-intimati huma azzjonisti fis-soċjetà esponenti u jżommu s-segwenti ismha ordinarji:*

   *- Iurii Degtiar 1875 sehem*
   *- Mykhailo Tretiak 1250 sehem*

3. *Illi l-azzjonista l-ieħor fis-soċjetà esponenti huwa r-rikorrent Konstiantyn Sobol li jżomm 1875 sehem ordinarju .*

4. *Illi l-amministrazzjoni, ir-rappreżentanza legali u ġudizzjarja tas-soċjetà esponenti hija vestita fil-bord tad-direttur li huwa kompost minn direttriċi waħda – Tetiana Tsypkunova, detentriċi ta' passaport Ukren bin-numru FH298444;*

5. *Illi bħala sfond għar-rikors odjern, is-soċjetà esponenti ġiet imwaqqfa fl-2008 u għal numru ta' snin kienet topera b'suċċess. Madanakollu, f'Ġunju tal-2024, qam diżgwid bejn l-azzjonist Konstiantyn Sobol fuq naħa waħda u l-azzjonisti Iurii Degtiar u Mykhailo Tretiak fuq in-naħa l-oħra, liema diżgwid għadu ma ġiex riżolt sal-lum-il ġurnata;*

6. *Illi fl-4 ta' Frar 2025, l-azzjonisti / intimati Degtiar u Tretiak bagħtu formalment lid-direttriċi tas-soċjetà esponenti Tetiana Tsypkunova sabiex din issejjaħ Laqgħa Ġenerali Straordinarja u sabiex jittieħed vot inter alia fuq żewġ resoluzzjonijiet:*

a. *It-tneħħija ta' Tetiana Tsypkunova minn direttriċi tas-soċjetà esponenti*
b. *Il-ħatra ta' Mykhailo Tretiak bħala direttur tas-soċjetà esponenti*

7. *Illi l-għada stess li ntbagħtet l-ittra suċċitata, propju fil-5 ta' Frar 2025, l-intimati-azzjonisti intavolaw Mandat ta' Inibizzjoni (Numru ta' Referenza 196/2025) kontra s-soċjetà esponenti MB Shipping Ltd u kontra Tetiana Tsypkunova fil-kapaċità tagħha ta' direttriċi tal-istess MB Shipping Ltd, fejn talbu lill-Onorabbli Prim' Awla tinibihom milli:*

   *Tagħmlu kwalunkwe trasferiment ta' fondi, jew kwalunkwe pagamenti, sia lil terzi kif ukoll lil kwalunkwe entitajiet ikkontrollati, direttament jew indirettament minn xi wieħed mill-azzjonijsti, mill-kontijiet bankarji li jinstabu intestati fl-isem is-soċjetà intimata MB Shipping Limited u ċioe ma' Credit Suisse – UBS u/jew GM Banque Privee SA ġol is-Svizzera, u/jew Pireus Bank SA ġewwa l-Greċja, jew fi kwalunkwe ġurisdizzjoni oħra u dan sakemm tittieħed deċiżjoni finali fuq it-tneħħija tad-direttur preżenti Tetiana Tsypkunova (detentriċi ta' passaport Ukren FH298444) li ser tittieħed f'laqgħa ġenerali u straordinarja li ġiet mitluba mir-rikorrenti fil-kapaċità tagħhom ta' azzjonisti ai termini tal-Artiklu 129 tal-Kap. 386 tal-Liġijiet ta' Malta hekk kif jirriżulta mit-talba tal-laqgħa hawn annessa u mmarkata Dok A.*

8. *Illi l-Mandat ta' Inibizzjoni suċċitat (Ref Nru. 196/2025) kien ġie milqugħ proviżorjament permezz ta' digriet mogħti fil-5 ta' Frar 2025 iżda sussegwentement ġie definittivament miċħud permezz ta' digriet tal-Onorabbli Qorti tal-Kummerċ datat l-4 ta' Marzu 2025 (Dok B);*

9. *Illi, fil-ġranet li għaddew, is-soċjetà esponenti ġiet a konoxxenza ta' korrispondenza skambjata bejn l-azzjonist intimat Mykhailo Tretiak u rappreżentanta tal-bank USB. Il-kontenut ta' tali korrispondenza, li qiegħda tiġi hawn annessa u mmarkata 'Dok. KT4', huwa preokkupanti ħafna u jitfa' dawl fuq it-tentattiv ċar tal-azzjonist intimat Tretiak li jieħu f'idejh l-kontroll finanzjarju tas-soċjetà esponenti – u dan meta huma d-diretturi biss li huma vestiti b'tali poter, f'dan il-każ Tetiana Tsypkunova bħala uniku direttriċi tas-soċjetà esponenti;*

10. *Illi daqstant inkwetanti hija l-konferma li d-direttriċi Tetiana Tsypkunova ġabet mingħand il-bank Piraeus Bank li kien ġie mblukkat l-aċċess tal-istess direttriċi għall-kontijiet bankarji tas-soċjetà esponenti, u li tali aċċess kien ingħata lill-azzjonist intimat Mykhailo Tretiak ;*

11. *Illi, di più, id-direttriċi tas-soċjetà esponenti tinsab fil-posizzjoni assurda li ma tistax tivverifika jew tikkonferma jekk l-azzjonist intimat trasferixxiex xi fondi tas-soċjetà esponenti minn wara daharha – liema aġir ikun jikkostitwixxi aġir abbusiv u ultra vires għall-aħħar;*

12. *Illi magħdud ma' dawn iċ-ċirkostanzi inkwetanti li mmanifestaw ruħhom riċentament u li ċertament jistgħu joħolqu preġudizzju gravi u irrimedjabbli għas-soċjetà esponenti, hemm ukoll episodju li seħħ f'Settembru 2024 u li jitfa' dawl fuq it-tip ta' aġir adoperat mill-azzjonisti intimati li jmur direttament kontra l-interessi tas-soċjetà esponenti. Essenzjalment, fiż-żmien appena indikat, is-soċjetà esponenti ffirmat kuntratt ta' ġarr ma' Messiers Advaita. Madanakollu, l-azzjonisti intimati kienu taw struzzjonijiet ċari liċ-Chartering Manager tas-soċjetà esponenti ta' dak iż-żmien, sabiex jinforma lil Messiers Advaita li l-pagamenti kellhom isiru lil ċertu kumpanija reġistrata l-Isvizzera bl-isem ta' Tredeso Logistics u li tagħha l-intimat Mykhailo Treitak huwa l-uniku benefiċċjarju aħħari (UBO). Tali struzzjonijiet, li l-intimati ma kellhom ebda jedd jagħtu, naturalment sarraf f'telf finanzjarju sostanzjali għas-soċjetà esponenti;*

13. *Illi tenut kont ta' dan l-isfond fattwali – u li, fil-fehma umli tas-soċjetà esponenti, huwa ta' importanza kbira fir-rigward tal-ħtieġa ta' dan il-mandat ta' inibizzjoni – jirriżulta bl-iktar mod inekwivoku illi t-talba tal-azzjonisti intimati li tissejjaħ Laqgħa Ġenerali Straordinarja sabiex Mykhailo Tretiak jieħu post Tetiana Tsypkunova bħala uniku direttur tas-soċjetà esponenti hija intiża biss sabiex tagħti lill-azzjonisti intimati mano libera u effettivament iżarmaw lis-soċjetà esponenti mill-assi tagħha u konsegwentement iġibu fix-xejn il-valur tas-sehem tal-azzjonist l-Konstiantyn Sobol;*

14. *Illi dan l-istat ta' fatt indubbjament ser isarraf fi preġudizzju irrimedjabbli għas-soċjetà esponenti, stante illi kwalunkwe malamministrazzjoni tal-istess soċjetà esponenti – jew aħjar, amministrazzjoni purament li tiffavorixxi ċertu azzjonisti ad esklużjoni ta' oħrajn – ma tistax tiġi likwidata f'danni pekunarji;*

15. *Illi huwa propju dan li ser iseħħ jekk kemm-il darba l-azzjonisti intimati jitħallew jipproċedu bit-tneħħija ta' Tetiana Tsypkunova minn direttriċi unika tas-soċjetà u bil-ħatra ta' Mykhailo Treitak bħala direttur uniku tal-istess soċjetà esponenti, liema sostituzzjoni, kif ġia rilevat iktar 'il fuq, għandha skop uniku wieħed biss.*

    *Għaldaqstant, u kif ukoll għar-raġunijiet illi ser jiġu spjegati fid-dettall mir-rikorrenti waqt is-smiegħ ta' dan l-istess mandat, jeżistu l-elementi kollha meħtieġa ai termini tal-Artikolu 873 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta sabiex din it-talba għall-ħruġ ta' dan il-mandat ta' inibizzjoni tiġi milqugħa.*

    *Ir-rikorrenti umilment titlob li din l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talba proviżorjament ai termini tal-Artikolu 875(2) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta.*

    *Illi l-esponenti se jiġi ppreġudikat jekk l-intimat ma jiġix inibit kif ingħad;*

*Għaldaqstant, l-esponenti umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tordna l-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni sabiex iżżommu milli jkompli jagħmel il-ħwejjeġ hawn fuq imsemmija.*

Rat id-dokumenti ppreżentati mar-rikors promotur.

Rat id-**digriet** tagħha tal-21 ta' Marzu 2025, fejn laqgħet it-talba tar-rikorrenti b'mod provviżorju, ordnat in-notifika tal-atti lis-soċjeta' intimata bi żmien prefiss biex twieġeb, u fejn appuntat ir-rikors għat-trattazzjoni għall-udjenza tas-7 ta' April 2025.

Rat ir-**Risposta** tal-intimat noe ppreżentata fl-1 ta' April 2025, fejn intqal testwalment hekk:

*1. Illi din hija r-risposta għar-rikors għall-ħruġ ta' Mandat t'Inibizzjoni (ir-''Rikors Promotur'') preżentat f'isem Konstantyin Sobol u MB Shipping Ltd, fejn ir-rikorrenti talbu lil din l-Onorabbli Qorti tinibixxi lill-esponenti inter alia milli:*

*a) Bi kwalunkwe mod jagħtu struzzjonijiet, ordnijiet jew preferenzi, jew li jivvutaw direttament u/jew indirettament bħala azzjonisti bl-intenzjoni li jneħħu lil Tetiana Tyspkunova mill-kariga tagħha ta' direttriċi tas-soċjeta' MB Shipping Ltd u/jew bl-intenzjoni li jappuntaw lil kwalunkwe mill-esponenti fil-kariga direttur, u dan kemm fil-laqgħa ġenerali preċedentament imsejħa għall-ħamsa u għoxrin (25) ta' Marzu 2025, id-data ta' liema għaddiet, jew fi kwalunkwe data oħra, sakemm jiġi appuntat amministratur skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 402 tal-Kap. 386 tal-Liġijiet ta' Malta, kif mitlub permezz tas-subinċiżi (i) sa (iv) tar-Rikors Promotur;*

*b) Jagħmlu kwalunkwe ħaġa u/jew jieħdu kwalunkwe deċiżjoni f'isem is-soċjeta' esponenti li m'għandhomx il-jedd u/jew l-awtorita' li jagħmlu in kwantu tali azzjoni/deċiżjoni tispetta lid-direttriċi tas-soċjeta' esponenti u mhux lill-azzjonisti tagħha, inkluż iżda mlli jikkorrispondu f'isem is-soċjeta' esponenti ma' banek li magħhom is-soċjeta' esponenti għandha kont bankarju, kif mitlub permezz tas-subinċiż (v) tar-Rikors Promotur;*

*c) Milli bi kwalunkwe mod u majiera, jagħtu struzzjonijiet fi kwalunkwe kapaċita' jew bi kwalunkwe mod ieħor jiddisponu minn kwalunkwe assi tal-istess soċjeta' esponenti, mobbli jew immobbli, inkluż b'titolu oneruż u/jew gratuwitu, bl-għan illi jiżvestu lis-soċjeta' esponenti mill-assi tagħha, kif mitlub permezz tas-subinċiż (vi) tar-Rikors Promotur;*

*d) Milli jipparteċipaw f'ri organizzazzjoni jew ristritturar tas-soċjeta' esponenti li permezz tagħhom isir tnaqqis fil-valur tal-ishma tal-azzjonist Konstantyn Sobol jew b'xi mod ieħor jintilfu d-drittijiet attinenti lill-istess ishma li dawn igawdu minnhom illum, jew li jagħtu il-kunsens tagħhom bil-mod maħsub mill-Liġi u/jew fl-istatut tas-soċjeta' rikorrenti għall-allokazzjoni ta' ishma ġodda lil terzi jew lill-azzjonisti stess, jekk dawn inaqqsu s-sehem tal-ishma preżentement maħruġa, kif mitlub permezz tas-subinċiż (vii) tar-Rikors Promotur;*

*2. Illi l-esponenti jqis illi r-Rikors Promotur għandu jiġi miċħud fl-intier tiegħu għaliex huwa nieqes minn diversi elementi illi huma neċessarji sabiex jintlaqa' Mandat t'Inibizzjoni. Dan tant illi kif imfassal, ir-Rikors Promotur huwa monk mid-dikjarazzjoni tal-pretenzjoni illi wieħed ikun irid iqiegħed fiż-żgur, meħtieġ fuq piena ta' nullita' tal-att promotur, a tenur tal-Artikolu 831(1)(a) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12). Barra minn hekk, ir-rekwiżiti illi għandhom jiġu sodisfatti b'mod kumulattiv sabiex tintlaqa' talba għall-ħruġ ta' Mandat t'Inibizzjoni ma ġewx sodisfatti;*

*3. Illi l-Artikolu 873(2) tal-Kap. 12 jgħid illi:*

*Il-qorti m'għandhiex toħroġ tali mandat jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa meħtieġ sabiex jitħarsu l-jeddijiet tar-rikorrent, u li dak ir-rikorrent prima facie jidher li għandu dawk il-jeddijiet.*

*4. Illi l-esponenti jirreferu għas-sentenza tal-erbgħa (4) ta' Novembru 2022 fl-ismijiet Avukat Dottor Roberto Montalto bħala mandatarju speċjali tal-assenti Giovan Battista Palma vs Mario Spiteri et,[1] fejn il-Prim Awla tal-Qorti Ċivili elenkat is-segwenti emanenti rekwiżiti illi wieħed għandu juri sabiex jitlob il-ħruġ ta' Mandat t'Inibizzjoni b'suċċess:*

*(a) irid juri li* ***għandu, mad-daqqa t'għajn (prima facie), dawk il-jeddijiet*** *li jgħid li għandu;*

*(b) irid juri li* ***l-mandat huwa meħtieġ*** *sabiex jitħarrsu l-jeddijiet li prima facie jidher li għandu;*

*(c) irid juri illi dak li qed jitlob li jiġi miżum milli jseħħ ikun ta'* ***preġudizzju għalih*** *jekk ma jinżammx milli jseħħ.*

[1] M. Inib. Nr. 1292/2022 RM

> *Bħala punt ta' tluq huwa opportun jingħad illi dawn it-tlett elementi huma* ***kumulativi, jonqos wieħed u t-talba tirrokka****. (emfasi miżjud)*

*5. Illi fil-kawża odjerna, ir-rikorrenti ma wrew l-ebda mir-rekwiżiti msemmija;*

*6. Illi kif indikat ukoll mill-Prim Awla Qorti Ċivili fid-deċiżjoni tat-tmintax (18) ta' Frar 2013 fl-ismijiet Jeffrey Farrugia vs Kummissarju tal-Artijiet et* [2]*, ir-riżultat tan-nuqqas ta' kwalunkwe mir-rekwiżiti huwa illi l-Qorti tkun prekluża milli tordna l-ħruġ ta' Mandat t'Inibizzjoni fin-nuqqas tal-osservanza tar-rekwiżiti kollha:*

> *Sabiex tintlaqa` t-talba ghall-hrug tal-Mandat, ir-rekwiziti huma stretti u l-qorti hija prekluza (m`ghandhiex) tordna l-hrug tal-Mandat jekk irrekwiziti kollha (minghajr eskluzjoni) jibqghu mhux sodisfatti.*

*7. Illi għaldaqstant, kif ser jirriżulta b'mod ampju permezz tal-preżenti risposta, il-mandat ta' inibizzjoni kawtelatorju de quo huwa wieħed abbuziv, frivolu u vessatorju u ma hemm ebda bazi legali għalih, u ma jimmeritax illi jintlaqa', u dan għar-raġunijiet segwenti:*

## ***A. <u>Sfond Fattwali tal-Kawża</u>***

*8. Illi r-Rikors Promotur jagħraf illi diġa jeżistu vertenzi illi nstemgħu jew qegħdin jinstemaw quddiem il-Qrati nostrana, fl-istess ismijiet inversi, biż-żieda tad-direttriċi Tetiana Tyspukova bħala intimata. Madanakollu, r-Rikors Promotur jonqos milli jagħti stampa ċara taċ-ċirkustanzi illi fihom ġew preżentati l-imsemmija proċeduri;*

*9. Illi l-isfond tal-vertenzi bejn il-partijiet huma s-segwenti:*

*10. Illi l-esponenti huma flimkien l-azzjonisti maġġoritarji tas-soċjeta' intimata MB Shipping Limited, u bejniethom għandhom tlett elef, mija, ħamsa u għoxrin (3125) sehem ordinarju ta' dollaru Amerikan ($1) kull wieħed fis-soċjeta' MB Shipping Limited, filwaqt li l-bqija tal-ishma huma miżjuma mill-azzjonist minoritarju, r-rikorrent Konstantyn Sobol, illi jżomm 1875 sehem ordinarju ta' dollaru Amerikan ($1) kull wieħed fis-soċjeta' MB Shipping Limited;*

*11. Illi fost l-attivitajiet kummerċjali tagħha is-socjeta` intimata MB Shipping Limited tinnegozja fil-bejgħ, xiri u noleġġ ta' bastimenti u kif ukoll tiġġestixxi bastimenti kummerċjali ta' portata sinnifikanti;*

---

[2] M. Inib. Nr. 77/2013/1 JZM

*12. Illi l-amministrazzjoni, ir-rappreżentanza legali u ġudizzjarja tas-soċjeta intimata hija vestita fil-bord tad-direttur li huwa kompost minn direttur wieħed, l-intimata Tetiana Tsypkunova;*

*13. Illi l-esponenti tilfu kull fiduċja f'Tetiana Tsypkunova meta hija, bl-interess illi tagħti xi vantaġġ lill-azzjonist rikorrenti Sobol u l-interessi kummerċjali tiegħu, bdiet tmexxi s-soċjeta' rikorrenti b'mod inġust, abbużiv u diskriminatorju, bi preġudizzju għall-esponenti, qua azzjonisti tas-soċjeta' intimata MB Shipping u tal-istess soċjeta' MB Shipping stess. B'hekk hija naqset milli taġixxi "b`onestà u bona fide u fl-ahjar interessi tal-kumpannija" MB Shipping Limited ai terminu tal-artikolu 136A tal-Kap 386;*

*14. Illi b'hekk l-esponenti jeħtieġu illi titneħħa l-intimata Tetiana Tsypkunova min direttriċi, diment illi hija qiegħda tieħu struzzjonijiet b'mod esklussiv u għall-interess uniku tal-azzjonist rikorrenti Sobol, u dan bi preġudizzju kbir lejn ir-rikorrenti qua azzjonisti tas-soċjeta intimata u lejn l-avvjament tas-soċjeta intimata;*

*15. Illi l-intimat Kostiantyn Sobol jiġġestixxi soċjeta' bl-isem ta' MB Navigation S.A. fil-Ġreċja, liema soċjeta topera fl-istess settur tas-soċjeta' initimata. Is-soċjeta MB Navigation S.A. ngaġġat lid-direttriċi preżenti tas-soċjeta' initimata, li qedgħa bl-aktar mod evidenti, taġixxi taħt kunflitt ta' interess u konsegwentament mhux qed taġġixxi fl-aħjar interess tas-soċjeta' rikorrenti MB Shipping Limited hekk kif huwa mitlub minnha fil-kapaċita tagħha ta' direttur tas-soċjeta rikorrenti;*

*16. Illi, inoltre', l-imsemmija MB Navigation S.A. qiedgħa tippromovi li hija ġiet stabbilita bħala parti mill-iżvilupp u reorgranizzazzjoni tas-soċjeta intimata MB Shipping Limited u dan b'mod klandestin u mingħajr il-kunsens jew approvazzjoni tal-azzjonisti hawn intimati. B'riżultat ta' hekk, il-klijenti u l-operat tas-soċjeta' rikorrenti qedgħin jiġu trasferiti fl-intier tagħom fuq is-soċjeta' estera, u dan bi preġudizju irremedjabbli lill-esponenti qua membri tas-soċjeta MB Shippping Limited, u dan kif jirriżulta mis-sit uffiċjali tas-soċjeta MB Navigation S.A. u mil paġna tal-linkedin hawn annessi u mmarkati bħala Dok JM 1 u Dok JM 2;*

*17. Illi, sabiex jissalvagwardjaw l-interessi tagħhom u tas-soċjeta' rikorrenti stess, l-esponenti għażlu illi jeżerċitaw id-dritt illi, bħala membri li flimkien iżommu maġġoranza sempliċi tal-voti tal-azzjonisti, jneħħu d-direttriċi preżenti mil-kariga tagħha ai termini tal-Artikolu 140 tal-Kap 386 tal-Liġijiet ta' Malta;*

*18. Illi fil-fatt l-esponenti, fil-kapaċita tagħhom ta' azzjonisti talbu li tissejaħ laqgħa ġenerali staordinarja ai termini tal-artikolu 129 (1) tal-Kap 386 tal-Liġijiet ta' Malta hekk kif jirriżulta mit-talba tal-laqgħa hawn annessa u mmarkata bħala Dok JM 3;*

*19. Illi minkejja li għaddew wieħed u għoxrin (21) ġurnata minn meta s-soċjeta intimata MB Shipping Limited u l-intimata Tetiana Tyspkunova ġew notifikata bit-talba, l-intimata Tetiana Tyspkunova naqset milli ssejaħ il-laqgħa minghjar ebda raguni ghajr dik li toqghod mal-istruzzjonijiet ta' Kostiantyn Sobol . Konsegwentament fis-sebgħa u għoxrin (27) ta' Frar 2025 ir-rikorrenti fil-kapaċita tagħhom ta' azzjonisti sejħu laqgħa huma ai termini tal-Artikolu 129(3) tal-Kap 386 tal-Liġijiet ta' Malta hekk kif jirriżulta mit-talba tal-laqgħa hawn annessa u mmarkata bħala Dok JM 4;*

*20. Illi dan wasal sabiex tiġi ffissata il-laqgħa għat-tneħħija tad-direttriċi preżenti fil-ħamsa u għoxrin (25) ta' Marzu 2025, liema laqgħa, u kwalunkwe laqgħa oħra futura msejħa għall-istess għan, hija mertu tal-mandat odjerna;*

*21. Illi huwa ċar illi l-Mandat ta' Inibizzjoni odjern huwa attentat ieħor sabiex id-direttriċi Tyspkunova, taħt direzzjoni mir-rikorrenti Sobol, ikomplu fl-attentat tagħhom sabiex jiddominaw l-operat tas-soċjeta' rikorrenti b'esklużjoni tal-esponenti u li jimpeduhom milli, b'mod illeġittimu, jeżerċitaw id-dritt fundamentali u prinċipali mogħti lilhom permezz tal-Artikolu 140 tal-Kap 386 tal-Liġijiet ta' Malta. Għalhekk jirriżulta li r-rikorrenti qedgħin jagħmlu użu għal kollox abbużiv tal-istitut tal-mandat t'inibizzjoni;*

*22. Illi, għal kontra ta' dak insinwat fir-Rikors Promotur, l-esponenti ma għamlu ebda azzjoni illi biha setgħu xekklu d-direzzjoni tad-direttriċi Tyspkunova sakemm hija għadha tokkupa din il-kariga;*

*23. Illi anzi, r-rikorrenti utilizzaw ir-rimedji legali disponibbli għalihom għal dan il-għan billi huma pruvaw jottjenu rimedju proviżjonali permezz tal-istitut tal-Mandat ta' Inibizzjoni, u dan kif jirriżulta mill-atti tal-Mandat t'Inibizzjoni Nru 196/2025/1 (AD), fl-ismijiet Avukat Joseph Mizzi Bħala Mandatarju Ta' Iurii Degtiar (Passaport Ukren Pu714904) U Mykhailo Tretiak (Passaport Ukren Fg347129) Vs Mb Shipping Limited (C 40945) U Tetiana Tyspkunova (Passaport Ukren Fh298444) Fil-Kwalita' Tagħha Ta' Direttur Ta' Mb Shipping Limited, fejn l-esponenti talbu lil din l-Onorabbli Qorti, diversament preseduta, sabiex :*

> *iżżomm lill-intimati milli jagħmlu kwalunkwe trasferiment ta' fondi, jew kwalunkwe pagamenti, sia lil terzi kif ukoll lil kwalunkwe entitajiet kontrollati, direttament jew indirettament minn xi wieħed mill-azzjonaisti, mill-kontijiet bankarji li jinstabu intestati f'isem is-soċjeta' intimata MB Shipping Limited, u cioe ma' Credit Suisse – UBS u/jew ma' Banque Privee SA ġol-iSvizzera, u/jew Pireus Bank SA ġewwa l-Greċja jew fi kwalunkwe ġurisdizzjoni oħra u dan sakemm tittieħed deċiżjoni*

*finali fuq it-tneħħija tad-Direttur preżenti Tetiana Tyspkunova (detentriċi ta' passaport Ukren FH 298444) li ser tittieħed f'laqgħa ġenerali u straordinarja li ġiet mitluba mir-rikorrenti fil-kapaċita' tagħhom ta' azzjonisti ai termini tal-Artikolu 129 tal-Kap 386 tal-Liġijiet ta' Malta;*

*24. Illi wara s-smiegħ tiegħu, dan il-Mandat ma intlaqax għaliex minkejja illi l-Onorabbli Qorti kienet konvinta illi l-esponenti għandhom jedd prima facie jitolbu l-ħruġ tal-mandat surriferit, l-Onorabbli Qorti ddisponiet mit-talba mressqa billi ċaħditha, billi spjegat illi l-mandat t'inibizzjoni ma huwiex neċessarju sabiex jipproteġi d-drittijiet illi prima facie għandhom ir-rikorrenti, u li semmai dawn għandhom propju disponibbli għalihom rimedju kawtelatorju ai termini tal-Artikolu 402 tal-Kap 386 tal-Liġijiet ta' Malta. Qiegħed jiġi anness id-digriet relattiv, hawn immarkat bħala DOK JM 5;*

*25. Illi l-esponenti preżentaw ukoll proċeduri fl-ismijiet Avukat Joseph Mizzi Bħala Mandatarju Ta' Iurii Degtiar U Mykhailo Tretiak Vs Mb Shipping Limited (C 40945), Kostianyn Sobol U Tetiana Tyspkunova Fil-Kwalita' Tagħha Ta' Direttur Ta' Mb Shipping Limited[3] ai termini tal-Artikolu 402 tal-Kap 386 tal-Liġijiet ta' Malta fejn talbu illi din l-Onorabbli Qorti:*

*i. Tiddikjara lill-intimata Tetiana Tsypkunova mxiet u qed timxi u x'aktarx ser tkompli tmexxi l-affarijiet tas-soċjeta intimata MB Shipping Limited (C-40945) b'mod li l-atti u/jew ommissjonijiet kienu, huma u /jew x'aktarx ser ikunu oppressivi b'mod mhux ġust u diskriminatorju kontra, u/jew b'mod mhux ġust għar-rikorrenti bħala azzjonisti tas-soċjeta intimata MB Shipping Limited (C-40945) u tas-soċjeta intimata MB Shipping Limited (C-40945) nnifisha, u li tali ilment huwa ibbażat sewwa u li jkun gust u ekwu li jinghata rimedju ai termini tal-artikolu 402 tal-Kap. 386 tal-liġijiet ta' Malta;*

*ii. Tiddikjara lill-intimat Konstiantyn Sobol bl-atti u/jew ommissjonijiet tiegħu aġixxa b'mod mhux ġust, abbużiv u diskriminatorju kontra, u/jew b'mod mhux ġust għar-rikorrenti bħala azzjonisti tas-soċjeta intimata MB Shipping Limited (C-40945) u tas-soċjeta intimata MB Shipping Limited (C-40945) nnifisha, u li tali ilment huwa ibbażat sewwa u li jkun gust u ekwu li jinghata rimedju ai termini tal-artikolu 402 tal-Kap. 386 tal-liġijiet ta' Malta;*

*iii. Tiddikjara lill-intimata Tetiana Tsypkunova hija responsabbli għad-danni sofferti mis-soċjeta intimata MB Shipping Limited (C-40945) u mir-rikorrenti personalment;*

[3] Rik 17/2025 ISB

*iv. Tiddikjara lill-intimat Konstiantyn Sobol huwa responsabbli għad-danni sofferti mis-soċjeta intimata MB Shipping Limited (C-40945) u mir-rikorrenti personalment;*

*v. Tillikwida d-danni sofferti, okkerrendo fejn huwa neċessarju l-ħatra ta' perit nominandi;*

*vi. Tordna lill-intimata Tetiana Tsypkunova u/jew Konstiantyn Sobol jħallsu lir-rikorrenti d-danni hekk likwidati;*

*vii. Tordna dawk il-miżuri kollha, kemm ta' natura temporanja u kemm permanenti, li fiċ-ċirkostanzi dina l-Onorabbli Qorti jidhrilha meħtieġa sabiex jiġu protetti r-riżorsi u l-assi tas-soċjeta intimata MB Shipping Limited (C-40945) u sabiex jiġi protett l-amministrazzjoni ta' l-istess kif ukoll tagħti dawk l-ordnijiet kollha li jidhrilha xierqa u opportuni għat-tmexxija 'l quddiem tal-affarijiet tas-soċjeta intimata MB Shipping Limited (C-40945).*

*26. Illi dan ġie preżentat flimkien ma' rikors b'urġenza[4] , għal ħruġ ta' provisional measure,fejn l-esponenti talbu illi din l-Onorabbli Qorti:*

*i. Tissospendi l-funzjonijiet eżekuttivi tal-intimata Tetiana Tyspkunova qua direttur, rappreżentant legali u rappreżentant ġudizzjarju tas-soċjeta' intimata dan inkluż senjament iżda mhux limitament billi tissospendi s-setgħat eżekuttivi kollha tal-istess intimata, u/jew tordna illi l-intimata Tyskunova qua direttur ma għandha tagħmel ebda trasferiment ta' ebda xorta ta' assi jew propjeta' tas-soċjeta' intimata MB Shipping Ltd u/jew tordna li l-istess intimata Tyspkunova qua direttur tas-soċjeta' intimata MB Shipping Limited m'għandhiex tippermetti illi s-soċjeta' MB Shipping Ltd tassumi kwalunkwe obbligi ġodda; u*

*ii. Tirregola t-tmexxija tal-affarijiet tas-soċjeta' intimata bil-għan li ma jkompliex jiżdied u jaggrava l-preġudizzju lejn ir-rikorrenti noe u s-soċjeta' intimata u dan ai termini tal-Artikolu 402 tal-Kap. 386 tal-Liġijiet ta' Malta;*

*27. Illi għal kull buon fini qegħdin jiġu hawn annessi r-rikorsi appena msemmija, mmarkati bħala DOK JM 6 u 7 b'mod rispettiv, flimkien mar-*

[4] Rik. Nr. 17/2025/1 ISB

*risposta preżentata mis-soċjeta' MB Shipping, hawn immarkata bħala DOK JM 8.*

*28. Illi minn dan jirriżulta bis-sħiħ illi fiċ-ċirkustanzi odjerna, huma l-esponenti illi qegħdin isofru preġudizzju serju bi ksur tad-drittijiet tagħhom, tant illi qegħdin jitolbu r-rimedju adattat għal dan permezz ta' proċeduri legali intavolati quddiem din l-Onorabbli Qorti. L-istampa mpinġija mir-rikorrenti hija għal kollox żvijanti għaliex tagħti x'tifhem illi l-esponenti qegħdin b'xi mod jew ieħor jippreġudikaw xi dritt li jistgħu għandhom ir-rikorrenti, meta dan ċertament li mhux il-każ;*

*29. Illi in oltre, tajjeb li jiġi kjarifikat illi, għall-kontra ta' dak insinwat fir-Rikors Promotur, il-korrispondenza annessa mar-Rikors Promotur bejn l-esponent Tretiak u r-rappreżentant ta' UBS Bank ma kinitx intiża sabiex l-intimat Mykhailo Tretiak jieħu l-kontroll tal-kont tal-bank tas-soċjeta' rikorrenti b'mod immedjat, iżda biex jassigura li jiġi infurzat il-mandat t'inibizzjoni li dak iz żmien kien gie milqugh proviżjonalment, u sabiex ikun jista' jipprepara d-dokumenti relattivi għal meta eventwalment jiġi appuntat bħala direttur, skont l-aspettattivi leġittimi li kellu qabel l-intavolar tal-proċedura odjerna u dan wara li d-direttur prezenti Tetiana Tsypkunova rrifjutat li taghmel dan. Dan jirriżulta mill-ewwel email stess fejn jingħad b'mod speċifiku illi:*

> *The shareholders of MB Shipping Limited, Malta, are considering a question of the change of director of the company (Mrs. Tetiana Tsypkunova should be changed to Mr. Mykhailo Tretiak).*

*Liema dikjarazzjoni ġiet imsegwa b'lista ta' mistoqsijiet dwar il-process amministrattiv sabiex eventwalment isir dan. Fil-korrispondenza ma jirriżulta ebda talba għall-bdil tal-istess rappreżentant! Anzi, staqsa biss għall possibilita' illi jiżdied bħala firmatarju fuq il-kont: 'Kindly send me a form to fill in for adding myself (being a UBO of MB Shipping Ltd) to be a signatory on the accounts.' ;*

*30. Illi dan meqjus, din il-korrispondenza ma' tistax, kif suġġerit mir-rikorrenti fir-Rikors Promotur titqies bħala 'tentattiv ċar tal-azzjonist intimat Tretiak li jieħu f'idejh l-kontroll finanzjarju tas-soċjeta' esponenti', meta hu ma ta ebda direzzjoni sabiex titneħħa d-direttriċi Tyspkunova minn direttriċi, iżda sempliċiment talab informazzjoni amministrattivi dwar il-proċeduri applikabbli fil-każ tat-tneħħija tad-direttriċi Tyspkunova u l-inkarigu ta' Tretiak bħala direttur minnflok. Anke jekk wieħed iqis it-talba sabiex jiġi magħruf bħala firmatarju mill-Bank, din ma tistax titqies bħala attentat illi jieħu f'idejh il-kontroll finanzjarju, diment illi Tyspkunova ma kinitx ser tiġi mċaħħda mill-kontroll tagħha fuq l-istess assi.*

*31. Illi, b'referenza ghall-paragrafu 11 tar-Rikors Promotur, ġie l-allegazzjoni illi l-aċċess għall-kontijiet bankarji li s-soċjeta' MB Shipping*

*Limited għandha ma' Pireaus Bank "inghata lill-azzjonist intimat Mykhailo Tretiak" ma għandhiex mis-sewwa u hija intiża biss sabiex tiżvija lill-din l-Onorabbli Qorti;*

*32. Illi għandha ssir ukoll referenza għal paragrafu 12 tar-Rikors Promtur fejn gie allegat li "l-azzjonisti intimati kienu taw struzzjonijiet cari lic-Chartering Manager tas-socjeta esponenti ta' dak iz-zmien, sabiex jinforma lill Messiers Advaita li l-pagamenti kellhom isiru lil certu kumpunija registrata l-Isvizzera bl-isem ta' Tredeso Logistics u li taghha l-intimat Mykhailo Tretiak huwa l-uniku beneficcjarju ahhari (UBO)'. Għal darba oħra Konstatyin Sobol jittenta li jizvija lill-din l-Onorabbli Qorti u jaħbi l-verita' stante li ċ-chartering manager in kwestjoni, Sergei Radchenko, kien ikkonsulta mal-azzjonisti kollha u talab il-kunsens tagħhom, inkluż dak ta' Konstantyin Sobol***,** *qabel is-soċjeta' Tredesco Logistics ġiet nominata bħala DISPONENT OWNERS/CONTRACTUAL COUNTERPARTY (FURTHER – OWNERS) fuq kuntratt ta' ġarr ta' granular bulk sulphur minn port fir-Russja għal port fit-Tunezija. Dan l-arranġament sar purament għal ragunijiet kummerċjali li bħalu saru diversi matul is-snin . Tant hu hekk li l-fattura li kopja tagħha hija annessa mar-Rikors Promotur kienet inbagħtet lill-Advita mill-email address operating@mb-ship.com li jappartjeni lis-socjeta' MB Shipping Limted, hekk kif jidher mid-dokument hawn anness u mmarkat bhala DoK JM 9, u liema email account huwa wkoll aċċessibli għal Konstantyin Sobol. L-allegazzjoni li "tali struzzjonijiet, li l-intimati ma kellhom ebda jedd jaghtu, naturalment sarraf f'telf finanzjarju sostanzjali ghas-socjeta' esponenti" hija inveritiera u ma għandiex mis-sewwa u fil-fatt la Kostantyin Sobol u wisq anqas id-direttriċi preżenti qatt ma resqu kwalunkwe pretensjonijiet ta' xi irregolaritajiet finanzjarji fil-konfront ta' l-intimati azzjonijist qabel id-data tal-preżentata tar-Rikors Promotur. Ghal finijiet ta' kompletezza, illum il-ġurnata l-imsemmi Sergei Radchenko, huwa impiegat u kif wkoll socju' fin-negozju ta' Konstantyin Sobol!*

*33. Illi għaldaqstant, l-esponent jiċħad b'mod sħiħ it-teżi proposta mir-rikorrenti fir-Rikors Promotur, u kwalunkwe drittijiet illi huma qegħdin jinsinwaw illi għandhom fid-dawl tal-iskorrettezza tal-fatti kif preżentati lil din l-Onorabbli Qorti;*

***B. Eċċezzjonijiet Preliminari***

*34. Illi preliminarjament, ir-rikorrenti naqsu milli jissodisfaw l-ħtiġijiet rikjesti mil-liġi ad validitatem a tenur tal-Artikolu 831(1)(a) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12), u dan billi fir-Rikors Promotur naqsu milli jispjegaw ix-xorta tal-pretensjoni li huma xtaqu iqiegħdu fiż-żgur permezz tal-istess mandat kawtelatorju. In fatti, mit-talba għall-ħrug tal-mandat huwa indikat biss illi l-esponenti qiegħed jippreżenta l-preżenti att 'sabiex jikkawtela d-drittijiet tiegħu', mingħajr ebda indikazzjoni ta' liema drittijiet huma dawn;*

*35. Illi skont il-prinċipji stipulati permezz tad-digriet tal-Onorabbli Prim Awla Qorti Ċivili tat-tmintax ta' Mejju 2016, fl-ismijiet Maria Gatt et vs Martin Mallia et[5], ma huwiex biżżejjed li fir-rikors għall-ħruġ ta' mandat t'inibizzjoni wieħed jispjega l-oriġini tal-pretensjoni tar-rikorrent billi jagħti sommarju taċ-ċirkustanzi li wassluh jippreżenta dak l-att, iżda wieħed irid jindika wkoll b'mod ċar ix-'xorta ta' pretensjoni tar-rikorrenti naxxenti minn din l-oriġini'. In fatti, f'din il-kawża msemmija, il-Qorti ma tħalli l-ebda lok ta' dubju dwar dan, tant illi tispjega illi:*

> *Huwa car li l-legislatur ried li t-talbiet ghal hrug ta' mandati kawtelatorji ma jkunux vagi u ncerti anke sabiex jintlahaq bilanc bejn id-drittijiet tar-rikorrenti u dawk tal-intimat ezekutat li m'ghandux jigi inibit milli jagixxi fl-atti ndikati fl-ordni tal-Qorti minghajr ebda limitu. Dan jinghad emfatikament ghall-finijiet tal-kaz odjern specjalment meta r-rikorrenti konjugi Gatt qeghdin jaghmlu talba generika u bla limitu sabiex l-intimati jitwaqqfu milli jitrasferixxu "kwalsiasi proprjeta' li ghandhom" bi "kwalsiasi titolu"*

*Il-Qorti kompliet tgħid illi asserzjonijiet vagi li ma jagħtux indikazzjoni ċara dwar ix-xorta ta' pretensjoni vantata mir-rikorrenti ma jissodisfawx dan ir-rekwiżit. Kif indikat mill-istess kawża, din ma hijiex pożizzjoni illi tista tiġi indirizzata u rregolata fi stadju ulterjuri, inkluż fit-trattazzjoni tal-mandat, għaliex 'il-Qorti trid tiddeċiedi fuq it-talbiet kif redatti fir-rikors promotur u mhux fuq sottomissjonijiet li jsiru wara';*

*36. Illi l-unika indikazzjoni ta' liema dritt qiegħed jiġi kkawtelat permezz tal-proċeduri odjerni tinstab fil-paragrafu (iii) tar-Rikors Promotur, fejn jissemma l-Artikolu 402 tal-Att dwar il-Kumpaniji :*

> *'u dan sakemm jiġi appuntat amministratur skond id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 402 tal-Kap 386 tal-Liġijiet ta' Malta';*

*Huwa biss l-estratt suċitat mir-Rikors Promotur illi jagħti indikazzjoni vaga u wiesa' ta' liema dritt illi qed jiġi kkawtelat, għaliex jindika l-possibilita' illi l-imsemmi dritt jista' jkun wieħed illi huwa eżerċitabbli permezz tal-Artikolu 402 tal-Att dwar il-Kumpaniji. Din l-indikazzjoni m'għandhiex ħlief titqies bħala asserzjoni vaga illi ma tissodisfax r-rekwiżit meħtieġ b'piena ta' nullita' tal-att stipulat taħt l-Artikolu 831(1) surriferit;*

*37. Illi anke jekk dato ma non concesso l-assunzjoni tal-esponenti għandha mis-sewwa, ma jidhirx illi s-soċjeta' rikorrenti għandha xi interess illi titlob xi rimedju ai termini tal-Artikolu 402 tal-Att dwar il-Kumpaniji,*

[5] M. Inib. N4. 587/16 MH

*diment illi diġa teżisti azzjoni preżentata mill-esponenti ai termini tal-Artikolu 402, illi fiha huma involuti l-partijiet tal-kawża kif ukoll id-direttriċi tas-soċjeta' rikorrenti. Minkejja illi s-soċjeta' rikorrenti ġiet notifikata bl-atti u eżerċitat il-fakulta illi tressaq tweġiba u b'hekk anke kontro talba, sabiex tressaq il-pretensjonijiet tagħha kontra l-esponenti permezz ta' kontro talba, hija għażlet illi ma tagħmilx dan. Dan juri b'mod ċar u inkontestabbli illi ma hemm ebda interess reali illi s-soċjeta' rikorrenti tikkawtela dritt illi jinkwadra taħt l-ambitu tal-Artikolu 402 tal-Att dwar il-Kumpaniji;*

*38. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost din il-Qorti kif diversament presjeduta fil-kawza fl-ismijiet "Anthony Pace vs. Marsa Rebar Ltd et" sentenza in parte deciza fis 17 ta' Frar 2025 fejn kienet rinfaccjata b'talba ghal-hatra ta' amministratur provizorju ai termini tal-Artikolu 402, ghamlet referenza għal-numru ta' sentenzi ta' Qrati nostrana u stqarret li "Maghruf dan l-insenjament, il-Qorti ghalhekk tqis li huwa car li ghalkemm din il-Qorti ghandha setgha wiesa' li taghti mizuri interim anke meta tkun qed tittratta azzjoni ai termin tal-Artikolu 402 tal-Kap 386 tal-Ligijiet ta' Malta, m'ghandiex is-setgha li fi proceduri ta' din ix-xorta, hija tahtar amministratur provizorju u dana stante li l-amministratur provizorju huwa kkontemplat biss mil-ligi f'kaz ta' talba ghal stralc." u kompliet "Il-Qorti tqis illi t-talba ghal hatra ta' amministratur provvizorju qed tigi maghmula bhala wahda mill-alternattivi – hatra pero', illi, ghar-ragunijiet u l-konsiderazzjonjiet hawn fuq moghtija, din il-Qorti mhix ser tilqa'."*

*39. Illi ghalhekk il-pretensojni ta' xi dritt ta' Kostiantyn Sobol li jitlob il-hatra ta' amministratur provvizorju hija minghajr ebda bazi legali tenut kont wkoll tal-fatt li ma teżisti ebda raguni valida sabiex is-socjeta' MB Shipping Limited titpoġġa fi stralċ;*

*40. Illi l-osservazzjoni suesposta ssostni l-pożizzjoni illi l-mandat odjerna ġie preżentat b'intendiment abbużiv u sar b'mod vessatorju u frivolu;*

*41. Illi għaldaqstant, l-esponenti jqisu illi t-talba għall-ħruġ tal-mandat t'inibizjoni odjern, kif imfassla permezz tar-Rikors Promotur, hija nulla';*

***C. <u>F'livell ta' prima facie, l-esponenti ma għandhomx il-jeddijiet illi qed jippretendu illi għandhom</u>***

*42. Illi kif diġa spjegat, Mandat ta' Inibizzjoni jista' biss jintlaqa' jekk jintwera li tal-inqas f'livell prima facie r-rikorrenti jkollhom dritt, kif ukoll jekk jintwera li r-rikorrenti sejrin jsofru preġudizzju irrimeddjabbli jekk dak id-dritt ma jiġix ikkawtelat permezz tal-Mandat t'Inibizzjoni;*

*43. Illi ai fini tal-preżenti eċċezzjoni, l-esponenti ser jistrieħ fuq l-eċċezzjoni preċedenti illi ġiet imressqa għaliex ir-Rikors Promotur ma jiddiskrivix id-dritt illi qegħdin jippretendu illi għandhom ir-rikorrenti. Dan għaliex, fil-waqt illi dan in-nuqqas iġib in-nullita' tal-att promotur, kif suespost, l-esponenti jqisu illi dan id-dritt ma' ġiex indikat mir-rikorrenti fir-Rikors Promotur tagħhom għaliex fil-verita', fuq livell ta' prima facie, r-rikorrenti ma għandhom ebda dritt spettanti lejhom li fuqu jistgħu jsejsu l-Mandat t'Inibizzjoni;*

*44. Illi anke jekk wieħed jittanta jidentifika liema drittijiet jista' għandhom ir-rikorrenti fil-każ ta' Sobol qua azzjonist minoritarju u fil-każ tas-soċjeta' rikorrenti qua soċjeta' stess, b'referenza għat-talbiet tar-Rikors Promotur, wieħed jikkonkludi illi t-talbiet imorru ben oltre d-drittijiet illi għandhom ir-rikorrenti;*

*45. Illi minnflok, il-preżenti mandat qiegħed jintuża sabiex ir-rikorrenti iżommu fis-seħħ tmexxija irregolari u abbużiva tad-direttriċi Tyspkunova bi ksur tal-Artikolu 136A tal-Kap. 386 li jitlob illi direttur ta' soċjeta' taġixxi 'b'onesta' u bona fide u fl-ahjar interessi tal-kumpannija'. Qiegħed jintuża wkoll sabiex tinżamm fis-seħħ l-istess tmexxija kontra r-rieda tal-azzjonisti li jgawdu l-maġġoranza ishma u tal-poter ta' votazzjoni ai termini tal-Artikolu 140 tal-Kap 386 tal-Liġijiet ta' Malta;*

*46. Illi dan imur kontra l-insenjament tal-prinċipju stipulat mill-Prim Awla Qorti Ċivili fid-digriet tagħha tas-sittax (16) ta' Frar 2018 fl-ismijiet Philip Borg vs L-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar et[6] illi :*

> *"jedd li jitħares bil-ħruġ tal-Mandat ma jistax ikun stat ta' illegalità u lanqas jista' jinħareġ Mandat bħal dak biex iżomm fis-seħħ stat ta' ksur kontinwu tal-liġi."*

*47. Illi dan aktar u aktar meta dak li qiegħed jintalab li jiġi miżmum milli jseħħ jinkwadra perfettament fid-drittijiet tal-esponenti, inkluż is-segwenti drittijiet:*

*i. Id-dritt illi azzjonisti jgħajtu laqgħa ai termini tal-Artikolu 129 tal-Kap. 386: B'riżultat tal-paragrafi (i) u (ii), kif diġa delineat fid-dettall, minkejja illi l-esponenti bħala membri tas-soċjeta' MB Shipping segwew il-proċedura stipulata fl-artikolu surriferit sabiex jitolbu s-sejħa ta' laqgħa general bl-aġenda illi jittieħed vot dwar il-kariga tad-direttriċi preżenti, il-mandat de quo effettivament waqqaf din il-laqgħa milli sseħħ, għaliex intlaqa' proviżorjament u kien effettiv fil-ħamsa u għoxrin (25) ta' Marzu tas-sena 2025, ċioe fid-data tal-laqgħa ffissata. Tajjeb jingħad illi l-inibizzjoni tal-*

[6] M. Inib. Nr. 91/2018 JRM

*esponenti milli jeżerċitaw dan id-dritt għas-sejħa ta' laqgħa ġenerali, għal kwalunkwe għan li jqisu meħtieġ inkluż għat-tneħħija tad-direttriċi preżenti, ser ikompli jkun fis-seħħ b'mod indeterminat jekk jintlaqgħu it-talbiet stipulate fil-paragrafi (iii) u (iv) tar-Rikors Promotur;*

*ii. Id-dritt ta' azzjonisti li jgawdu flimkien aktar mill-maġġoranza sempliċi tal-voti f'laqgħa, li jneħħu direttur qabel ma jgħaddi ż-żmien tal-kariga relattiva, jirriżulta millArtikolu 140, illi jgħid li :*

> *' Kumpanija tneħħi direttur qabel ma jgħaddi ż-żmien tal-kariga tiegħu b'riżoluzzjoni li tittieħed f'laqgħa ġenerali tal-kumpanija u mgħoddija minn membru jew membri li jkollhom il-jedd li jattendu għaliha u jivvutaw, li flimkien ikollhom azzjonijiet li jagħtu l-jedd lid-detentur jew detenturi tagħhom għal iktar minn ħamsin fil-mija tal-jeddijiet tal-vot marbuta mal-azzjonijiet rappreżentati u li jagħtu l-jedd għal vot fil-laqgħa'*

*L-istess Artikolu jagħti l-fakulta illi timtela' l-istess vakanza fl-istess laqgħa;*

*48. Illi wieħed ma jistax hawn ħlief jirrimarka l-ironija assoluta u l-anomalija li nħalqet fil-każ preżenti fejn filwaqt li l-Artikoli suċitati jinsinwaw illi r-rieda tal-kumpanija hija murija bil-maġġoranza sempliċi tal-azzjonisti votanti, fil-kawża odjerna l-istess kumpanija qiegħda tmur kontra din ir-rieda billi qedgħa tittenta twaqqaf lill-esponenti milli jivvantaw id-dritt tagħhom u li għalhekk id-direttriċi tkompli fil-kariga tagħha b'mod illegali - ċertament għalhekk is-soċjeta rikorrenti ma għandha ebda dritt prima facie illi tressaq ir-Rikors Promotur!*

*49. Illi wisq anqas ma jista' jitqies illi l-azzjonist rikorrenti Sobol, li ma jgawdix iktar minn ħamsin fil-mija tal-jeddijiet tal-vot marbuta mal-azzjonijiet tal-azzjonisti, jista' jiddetta waħdu, kontra r-rieda tal-azzjonisti b'ishma maġġoratorja, min għandu jkollu l-kariga ta' direttur. Wisq anqas ma jista' jitqies illi għandu xi jedd prima facie jagħmel dan!*

*50. Illi dan l-aġir b'hekk ma jistax ħlief jitqies illi huwa eżerċizzju ta' arm twisting, li l-Qrati nostrana tant jikkundannaw bħala użu ħażin tal-istitut tal-Mandat t'Inibizzjoni. Bħal ma rriteniet l-Onorabbli Prim Awla Qorti Ċivili fid-digriet tagħha tat-tmintax (18) ta' Lulju tas-sena 2008, fl-ismijiet Av. Dr. John Gauci vs Direttur tal-Kuntratti:*

> *Ir-rabta ta' Mandat t'Inibizzjoni m'ghandhiex tintuza bhala arma ta' theddid jew geghiel (arm twisting) lill-parti intimata li, jew taghmel dak li tixtieq il-parti rikorrenti jew ma taghmel xejn.*

> *B'dan il-mod, il-mandat ma jibqghax ghodda li thares il-jedd prima facie tal-parti rikorrenti, imma ssir sarima li zzomm lil parti intimata milli tgawdi l-jeddijiet taghha. Il-Qorti hi tal-fehma li qatt ma kienet ir-rieda tal-ligi li l-Mandat ta'Inibizzjoni jinbidel f'arma bhal din.*

*51. Illi in fatti, anke b'referenza għas-sommarju tal-fatti fuq suesposti, jirriżulta b'mod ċar illi l-proċeduri odjerna qegħdin jintużaw bħala għodda sabiex id-direttriċi Tyspkunova, li qiegħda teżerċita' r-rappreżentanza tas-soċjeta' rikorrenti, u r-rikorrenti Sobol, joħolqu ħsara fuq l-istess soċjeta' a skapitu tal-interessi tal-esponenti, kif ukoll bħala ritaljazzjoni għall-proċeduri diġa preżentati mir-rikorrenti quddiem din l-Onorabbli Qorti, ai termini tal-Artikolu 402 tal-Att dwar il-Kumpaniji;*

*52. Illi b'hekk ma tistax tintuża l-proċedura eċċezzjonali tal-Mandat t'Inibizzjoni sabiex ir-rikorrenti jikkontrolla l-Kumpanija b'mod indirett u sabiex jnaqqas mid-drittijiet illi legalment għandhom igawdu l-esponenti bħala azzjonisti maġġoritarji;*

*53. Illi tajjeb jingħad ukoll illi, skont is-sentenza tal-Prim Awla Qorti Ċivili tal-wieħed u għoxrin (21) ta' April tas-sena 2014, fl-ismijiet Jurgen Doring vs Aee Renewables Limited et*[7]*:*

> *Tqis ukoll li jedd mad-daqqa t'għajn għall-finijiet tal-ħruġ ta' Mandat ma jistax ikun mibni fuq sempliċi "suspett" tal-parti rikorrenti, sewwasew minħabba li jrid ikun jidher bħala jedd aċċertat u mhux bħala riperkussjoni negattiva ta' mġiba li mhix fiha nnifisha ċensurabbli;*

*54. Illi dan meqjus, huwa għal kollox inkonċepibbli kif jista' jitfassal rikors għall-ħruġ ta' Mandat t'Inibizzjoni abbażi tas-sempliċi suspett jew prospett mhux issostanzjat minn fatti jew provi illi r-rikorrenti jistgħu fil-futur jagħmlu xi ħsara lir-rikorrenti billi jirrappreżentawha b'mod illeġittimu, jiddisponu mill-assi tagħha jew li jagħmlu xi ri-organizzazzjoni jew ristrutturar biex inaqqsu l-valur tal-ishma tal-azzjonist Sobol!*

*55. Dan qiegħed jingħad speċjalment fir-rigward tal-paragrafi indikati bħala (v), (vi) u (vii) illi ma jsegwu b'ebda mod u wisq anqas ma jistgħu jitqiesu li huma msejsa b'ebda mod fuq il-fatti kif premessi mill-istess rikorrenti fir-Rikors Promotur;*

*56. Illi anke jekk, dato ma non concesso, l-intimati kellhom b'xi mod jnaqssu l-valur tal-ismha tar-rikorrenti Sobol, sakemm dan jsir b'mod legali,*

[7] 360/2014/1 JRM

*ir-rikorrenti ma jkollhom ebda dritt, lanqas fuq grad ta' prima facie, li jwaqqfu mill-intimati milli jagħmlu hekk*[8].

*57. Illi huwa abbażi ta' dan, u abbażi wkoll tan-nuqqas ta' kwalunkwe provveddiment legali illi jista' jiġi użat bħala bażi ta' pretensjoni ta' dritt a favur ir-rikorrenti, illi l-Mandat t'Inibizzjoni ma jistax' jintlaqa' fin-nuqqas ta' turija ta' dritt illi jeżisti f'livell ta' prima facie;*

***D. <u>Dak li qed jintalab li jiġi miżjum milli jseħħ ma huwiex ta' preġudizzju għar-rikorrenti</u>***

*58. Illi jekk wieħed iqis il-preġudizzju li jingħad illi ser jiġi soffert, jirriżulta wkoll nuqqas serju illi jrendi t-talbiet tar-rikorrenti improponibbli;*

*59. Illi r-rikorrenti jippremettu illi l-preġudizzju illi se jsofru r-rikorrenti jekk ma jintlaqax il-Mandat de quo permezz tar-Rikors Promotur, huwa s-segwenti:*

> *...tenut kont ta' dan l-isfond fattwali – u li, fil-fehm umli tas-soċjeta' esponenti, huwa ta' importanza kbira fir-rigward tal-ħtieġa ta' dan il-mendat ta' inibizzjoni – jirriżulta bl-iktar mod inekwivoku illi t-talba tal-azzjonisti intimati li tissejjaħ laqgha ġenerali straordinarja sabiex Mykhailo Tretiak jiehu post Tetiana Tsypkunova bħala uniku direttur tas-soċjeta' esponenti hija intiża biss sabiex taghti lill-azzjonisti intimati mano libera u effettivament iżarmaw lis-soċjeta esponenti mill-assi taghha u konsegwentement iġibu fix-xejn il-valur tas-sehem tal-azzjonist l-Konstantyn Sobol;*

*60. Illi b'dan wieħed jifhem illi l-preġudizzju illi jippretendu li ser isofru ir-rikorrenti huwa il-possibilita' illi jekk jiġi appuntat l-esponent Mykhailo Tretiak fil-kariga ta' direttur minnflok id-direttriċi preżenti Tyspkunova, huwa jżarma lis-soċjeta' esponenti mill-assi tagħha u jġib fix-xejn il-valur tas-sehem tal-azzjonist. Jekk wieħed iħares lejn is-sottoxena, anke kif delineata fir-Rikors Promotur skont it-teżi tal-fatti tar-rikorrenti, ma hemm xejn illi loġikament jista' jwassal għall-konklużjoni illi Tretiak għandu dan l-intendiment jew illi bl-azzjonijiet tiegħu sa issa huwa prova jżarma xi assi mis-soċjeta' rikorrenti! Ghall kuntrarju kien l-istess rikorrenti Sobol li waqqaf socjeta' b'isem simili ghall dik ta' MB Shipping Limited u cioe MB Navigation SA, kif wkoll promoviha bhala socjeta' li kompliet l-attivitajiet kummercjali ta' MB Shipping Limited, u dan kollu bil-kunsens tacitu tad-direttrici Tetiana Tsypkunova il ma ghamlet assolutamtent xejn sabiex tassigura, tipprotegi u/jew tiddefendi l-interessi tas-socjeta' MB Shipping*

[8] Ara f'dan is-sens digriet fil-mandat Nru. 2034/2024/1 HMfl-ismijiet: Dr Kirstin Abela Caruana et noe v Molepo Holdings Limited tal-11 ta' Diċembru 2024.

*Limited u l-azzjonisti taghha. Mhux talli d-direttrici ma ghaġixietx fl-interess ta' MB Shipping Limited, iżda talli hija illum hija wkoll impjegata fuq il-kotba ta' MB Navigation S.A. hekk kif jidher mid-dokument anness u mmarkat bħala DOK JM 10;*

*61. Illi ċertament li jispetta lir-rikorrenti illi jsostnu kwalunkwe allegazzjoni bħal din, speċjalment meta t-tali allegazzjoni saret sabiex jiġi sodisfatt rekwiżit fundamentali illi ma jistax jintlaqa' Mandat t'Inibizzjoni mingħajru!*

*62. Illi semmai, anke jekk iċ-ċirkustanzi msemmija mis-soċjeta' rikorrenti fir-Rikors Promotur huma korretti, dawn ċ-ċirkustanzi juru biss illi r-rikorrenti għandhom l-intenzjoni raġjonata illi jiżvestu lil Tyspkunova mill-kariga tagħha ta' direttriċi, bil-mezzi leġittimi, u li jappuntaw direttur ġdid. Madanakollu, it-tibdil tad-direttur per se ma jistax jitqies illi jista' jwassal għal preġudizzju minnu stess. B'hekk anke dan ir-rekwiżit huwa nieqes fin-nuqqas ta' motivazzjoni għat-tali allegazzjoni jew provi illi jsostnu l-istess preġudizzju msemmi;*

*63. Illi tajjeb li jingħad ukoll lu huwa għal kollox illoġiku illi wieħed iqis lill-esponenti bħala mhux denji li jżommu l-kariga ta' direttur meta dawn la wrew ebda intenzjoni illi jagħmlu xi ħsara lis-soċjeta' esponenti, u wisq anqas ma hemm ċirkustanzi illi jindikaw illi għandhom interess illi jagħmlu t-tali ħsara. Anzi, huma għandhom kull interess illi s-soċjeta' titmexxa kif huwa xieraq, u huwa f'dan is-sens illi huma intavolaw proċeduri ulterjuri, kif diġa fuq spjegat;*

*64. Illi dan aktar u aktar meta r-rikorrenti ma għandhom ebda dritt fuq livell ta' prima facie illi jista' jwassal għal xi preġudizzju, diment illi kwalunkwe riżultat tat-tneħħija tad-direttriċi Tyspkunova tkun għal kollox leġittima u biss konsegwenza tal-eżerċizzju tad-drittijiet fondati illi għandhom l-esponenti stess. Dan qiegħed jingħad għaliex it-tali konsegwenzi illi jista' jilmenta minnhom l-azzonist rikorrenti Sobol naturalment jemanu mill-qagħda illi l-liġi tagħti lill-azzjonist minoritarju fil-konfront tal-azzjonisti illi huma fi qbil bejniethom tant li jissodisfaw il-prinċipji demokratiċi illi jsostnu t-tmexxija ta' kumpanija;*

*65. Illi tkaxkir tas-saqajn mir-rikorrent Sobol u s-soċjeta' rikorrenti sabiex iżommu l-istatus quo b'tali mod illi s-soċjeta' tkompli titmexxa a benefiċċju tiegħu u tal-interessi kummerċjali tiegħu ċertament li ma jistax jitqies bħala preġudizzju illi jista' jiġi evitat permezz ta' Mandat t'Inibizzjoni;*

*66. Illi b'hekk jonqos ukoll l-element ta' preġudizzju rrimedjabbli;*

***E. <u>Illi l-mandat ma huwiex meħtieġ sabiex jitħarsu kwalunkwe jeddijiet illi r-rikorrenti qed jippretendu illi għandhom</u>***

67. *Illi ai termini tal-Artikolu 873(2) tal-Kap. 12:*

> *Il-qorti m'għandhiex toħroġ tali mandat jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa meħtieġ sabiex jitħarsu l-jeddijiet tar-rikorrent;*

68. *Illi b'referenza għas-sentenza tat-tletin (30) a' Marzu 2015 fl-ismijiet Ann Downer vs Sue Caruana*[9]*, il-Qorti il-Qorti Ċivili Prim Awla analizzat dak illi huwa mitlub permezz tar-rekwiżiti surriferiti, billi spjegat is-segwenti:*

> *Ir-rekwizit tal-htiega li l-hrug tal-Mandat se jservi ghat-tharis ta` l-jedd u r-rekwizit tal-pregudizzju jqarrbu hafna lejn xulxin.*
>
> *Bi htiega l-ligi qeghda tifhem illi jkun hemm il-bzonn tal-Mandat propju sabiex il-jedd jibqa` jissussisti.*
>
> *Bi pregudizzju l-ligi mhijiex tifhem pregudizzju kwalunkwe jew ta` kull xorta izda pregudizzju tant gravi li jgib fix-xejn l-istess jedd.*
>
> *Il-punto d`incontro taz-zewg rekwiziti huwa li l-Mandat ta` Inibizzjoni huwa mezz procedurali eccezzjonali ta` provvediment legali. (ara : 26 ta` Mejju 1995 : provvediment fl-atti tar-rikors ghall-hrug ta` Mandat ta` Inibizzjoni fl-ismijiet "Cassar Pullicino noe vs Caruana Curran noe et" : Kollez. Vol. LXXIX.iv.1387). Il-harsien li l-ligi qeghda timmira ghalih fit-talba tar-rikorrent huwa dak li, minghajr il-hrug tal-Mandat, il-jedd li jista` jkollu r-rikorrent jitnehha darba ghal dejjem u b`mod irrimedjabbli.*

69. *Illi l-istess Onorabbli Qorti kompliet billi tispjega illi mandat ma jistax jitqies bħala meħtieġ jekk ir-rikorrenti jista' jsewwi l-ħsara illi se jsofri b'mezzi oħrajn, u ċioe permezz ta' rimedji ulterjuri illi jottjenu l-istess riżultat:*

> *Fil-provvediment taghha tat-18 ta` Dicembru 2009 fl-atti tar-rikors Nru 1935/09 fl-ismijiet "Ohanebo et noe vs Il-Kummissarju tal-Pulizija" din ilQorti (PA/JRM) ippronunzjat ruhha hekk –*
>
> *Tqis li l-htiega ghall-hrug ta' Mandat bhal dan tintrabat sewwa ma' l-fatt jekk il-hsara li minnha l-parti rikorrenti tilminta tistax tkun wahda li ma tistax tissewwa mod iehor. Jekk l-inkonvenjent jew il-hsara lamentat jista' jitnehha, mqar b'decizjoni wara li jigi mistharreg il-kaz fil-mertu, jigi nieqes it-tieni element mehtieg ghall-hrug tal-Mandat.*

---

[9] M. Inib. Nr. : 69/2015/1 JZM

*70. Illi, mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjoni appena mressqa konċernanti n-nullita' tar-Rikors Promotur sforz li huwa mfassal mingħajr kunsiderazzjoni adattata tar-rekwiżiti tal-istess rikors, l-esponenti jqisu illi r-rimedji kollha illi qed jittantaw jottjenu r-rikorrenti permezz tal-proċeduri odjerna, anke jekk jagħti l-każ illi hemm dritt għalihom, jistgħu jingħataw permezz tal-proċedura u l-forum addattat, ċioe permezz tal-proċeduri ai termini tal-Artikolu 402 tal-Kap. 386 tal-Liġijiet ta' Malta. In fatti, l-Artikolu 402 tal-Kap 386 tal-Liġijiet ta' Malta, joffri l-possibilita' ta' talbiet għal-interim orders. B'hekk, il-mandat preżenti ma huwiex meħtieġ diment illi hemm rimedju ċar u disponibbli għalihom fejn ir-rikorrenti jistgħu jottjenu l-istess rimedji hawn mitluba!*

*71. Illi minkejja li din il-fakulta ma hijiex magħrufa espressament mill-istess Artikolu, huwa prinċipju ben stabbilit u applikat b'mod konsistenti illi l-Qrati nostrana għandhom il-fakulta illi jagħtu miżuri temporanji (interim measures), meta hekk mitluba, ai termini tal-Artikolu 402 tal-Kap. 386, b'tali mod illi l-azzjoni 402 tista' tkopri għad ta' rimedji wiesa diment illi jkun hemm ċirkustanzi li jinkwadraw taħt l-istess Artikolu 402. Dan inkluż ilmenti dwar tmexxija futura, att jew ommissjoni, oppressivi b'mod mhux ġust diskriminatorji kontra, jew b'mod mhux ġust ta' preġudizzju, għal membru jew membri jew b'mod li jkunu kontra l-interessi tal-membri in ġenerali, kif donnu qiegħed jinsinwa r-rikors promotur bl-aktar mod inċert permezz tar-Rikors Promotur;*

*72. Illi dan ġie wkoll ikkonfermat riċentement fis-sentenza tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Kummerċ) tas-17 ta' Frar 2025, fl-ismijiet Anthony Pace vs Marsa Rebar Ltd et,*[10] *l-istess Onorabbli Qorti tkompli sabiex tikkonferma l-poter illi l-Qorti tagħti provvedimenti pendenti lite skont l-Artikolu 402 tal-Kap. 386:*

> *Kif qalet il-Qorti tal-Appell fis-sentenza taghha tad-9 ta` Marzu 2007 fil-kawza Vella et vs Vella Brothers Limited et kkonfermat id-decizjoni fl-Ewwel Istanza –*
>
> > *'' Il-hsieb wara dan l-artikolu (u cioe` l-Art.402) huwa li jiftah l-iskop ta' intervent da parti mill-Qorti, u din il-Qorti tkun qed tagħmel 'disservice'' lill-azzjonisti minoritarji jekk tkun hi li terga taghlaq parzjalment il-bieb li fetah il-legislatur bl-Artikolu 402. Bis-saħħa ta' dak l-artikolu, il-Qorti tista' tagħti dak ir-rimedju li jidhrilha li jkun opportun, inkluz allura, rimedji u ordnijiet temporanji li jservu biex jigi rispettat l-istatus quo sakemm tigi mistharrga kwistjoni jew sakemm tigi rizolta -kumpannija...''*

*73. Illi tajjeb illi jingħad ukoll li l-Mandat t'Inibizzjoni Nru 196/2025/1 (AD), fl-ismijiet Avukat Joseph Mizzi Bħala Mandatarju Ta' Iurii Degtiar*

[10] Rik 104/2022 ISB

*(Passaport Ukren Pu714904) U Mykhailo Tretiak (Passaport Ukren Fg347129) Vs Mb Shipping Limited (C 40945) U Tetiana Tyspkunova (Passaport Ukren Fh298444) Fil-Kwalita' Tagħha Ta' Direttur Ta' Mb Shipping Limited, skont id-digriet ta' din l-onorabbli Qorti, diversament preseduta, ġie infatti miċħud għall-din l-istess raġuni, u ċioe għaliex:*

> *ir-rikorrenti għandhom diversi mezzi ordinarji illi bihom jistgħu jikkawtelaw il-pożizzjoni tagħhom, fosthom permezz tal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 402 tal-Kap 386 tal-Liġijiet ta' Malta, illi tagħtihom il-possibilta' illi jitolbu lil din il-qorti tagħti ordnijiet sabiex, inter alia, tirregola t-tmexxija tal-affarijiet fil-kumpanija fil-futur u/jew tirrestrinġi jew tipprojbixxi l-għemil ta' xi att propost. Dan mingħajr il-ħtieġa ta' mandat bħal dak illi qed jintalab fil-proċeduri odjerni;*

*74. Illi l-esponenti jqis illi it-talbiet illi qed isiru permezz tal-proċeduri odjerna, faċilment setgħu jintalbu mill-istess Qorti ai termini tal-Artikolu 402 tal-Kap. 386. Semmai, dawn kellhom jew setgħu jintalbu wkoll b'kontro talba minn din l-Onorabbli Qorti fil-proċeduri fuq deskritti intavolati mill-esponenti stess!*

*75. Illi madanakollu, jirrizulta b'mod ċar illi s-soċjeta' rikorrenti ma għandha ebda interess jew intenzjoni illi titlob rimedju temporanju ai termini tal-Artikolu 402 tal-Att dwar il-Kumpaniji, diment illi, kif diġa spjegat, ma ressqet ebda talba f'dan is-sens minkejja l-fakulta li tagħmel dan permezz ta' kontro talba flimkien mar-risposta għar-rikors preżentat mill-esponenti ai termini tal-Artikolu 402. Dan juri b'mod ċar u inkontestabbli illi ma hemm ebda interess reali illi s-soċjeta' rikorrenti tikkawtela dritt illi jinkwadra taħt l-ambitu tal-Artikolu 402 tal-Att dwar il-Kumpaniji. In fatti, minkejja illi r-Rikors Promotur jitlob illi l-inibizzjoni tapplika sad-data tal-ħatra ta' amministratur ai termini tal-Artikolu 402 tal-Kap. 386, ma saret ebda talba f'dan is-sens fl-ewwel seduta u wisq anqas fir-risposti preżentati minn MB shipping Limited f'dawk il-proċeduri;*

*76. Illi meta wieħed jieħu kont ta' dan kollu, u jqis anke kwalunkwe rimedji ulterjuri illi jeżistu fil-liġi, ma hemm l-ebda lok ta' ekwivoku illi kwalunkwe dritt illi qiegħed jiġi kkawtelat u kwalunkwe preġudizzju li qiegħed jiġi allegatament evitat seta' jsir permezz ta' rimedji maħsuba għal dak il-għan, u mhux permezz tal-proċedura eċċezzjonali tal-mandat t'inibizzjoni. Madanakollu, r-rikorrenti utilizza l-istitut tal-Mandat ta' Inibizzjoni sabiex jibbenifika mill-prassi illi dan jintlaqa' proviżorjament sabiex jassigura b'ċertezza illi jwaqqaf il-laqgħa msejħa għall-ħamsa u għoxrin (25) ta' Marzu 2025, fejn l-esponenti kienu ser ineħħu lid-direttriċi Tyspkunova mill-kariga tagħha kif debitament intitolati jagħmlu legalment! Dan huwa kkonfermat ukoll meta wieħed iqis dak rilevat fis-sommarju tal-fatti kif suesposti, sa fejn jidħlu l-intoppi għall-iffissar tal-imsemmija laqgħa da parti tad-direttriċi Tyspkunova fuq direzzjonijiet tar-rikorrent Sobol, u*

*anke l-prossimita' tad-data tal-intavolar tal-preżenti mandat għad-data tal-imsemmija laqgħa ffissata. Huwa abbażi ta' dan illi l-esponenti ma jistgħux ħlief jinsistu illi l-intavolar tal-preżenti ittra ma huwiex imsejjes fuq xi 'ħtieġa', iżda sar b'abbuż sabiex b'xi mod ixekklu d-drittijiet legali illi għandhom l-esponenti illi flimkien jagħqdu l-ishma maġġoritarji fis-soċjeta' rikorrenti!*

*77. Illi għaldaqstant dan ma jistax ħlief jitqies bħala abbuż proċedurali, u mhux ħtieġa;*

***F. Konklużjoni***

*78. Illi meta wieħed iqis dan kollu fuq premess, mhux talli r-rikors promotur huwa nieqes mill-elementi hemm meħtieġa, tant li għandu jitqies bħala null, iżda talli, kieku dan ma kienx il-każ, ma hemm l-ebda lok għal dubju illi il-mandat odjerna ma huwiex proponibbli fin-nuqqas tal-osservazzjoni tar-rekwiżiti kumulattivi illi huma meħtieġa b'neċessita' sabiex tintlaqa' talba għal ħruġ ta' mandat t'inibizzjoni.*

*Għaldaqstant, u għar-raġunijiet kollha fuq premessi, is-soċjeta' esponenti qiegħda umilment titlob lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex tirrevoka contrario imperio d-digriet tagħha tal-ħamsa u għoxrin (25) ta' Marzu 2025 in kwantu illi ġie milqugh proviżorjament il-mandat de quo, filwaqt illi tgħaddi sabiex tiddikjara r-rikors illi bih intalab il-Mandat t'Inibizzjoni 487/2025/1 ISB bħala null u mingħajr effett, jew, fil-każ illi ma tagħmilx dan, tiċħad l-istess mandat fl-intier tiegħu, bl-ispejjeż kontra l-istess rikorrenti;*

Rat id-dokumenti ppreżentati.

Rat il-verbal tas-seduta miżmuma.

Semgħet is-sottomissjonijiet tal-abbli difensuri tal-partijiet fl-udjenza miżmuma u rat illi r-rikors tħalla għal provvediment *in camera*, kif qed isir illum.

**Ikkunsidrat**:

Illi skont l-**Artikolu 873(1) tal-Kap12** tal-Liġijiet ta' Malta, l-iskop ta' Mandat ta' Inibizzjoni huwa dak li jżomm persuna milli tagħmel kwalunkwe ħaġa li tista' tkun ta' preġudizzju għall-persuna li qed titlob il-mandat.

Issa skont l-**Artikolu 873(2) tal-Kap 12**, il-Qorti m`għandhiex toħroġ tali mandat jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa meħtieġ sabiex jitħarsu l-jeddijiet tar-rikorrent, u li dak ir-rikorrent '*prima facie*' jidher li għandu dawk il-jeddijiet.

Fil-fatt mill-Artikolu 873(2), joħorġu żewġ elementi li r-rikorrent jrid jissodisfa:

1) fl-ewwel lok, irid juri li l-mandat huwa meħtieġ sabiex jitħarsu jeddijiet li qed jippretendi li għandu; u

2) fit-tieni lok, irid jipprova li *prima facie* għandu dawn il-jeddijiet.

Appuntu dwar il-prova *prima facie* tal-jeddijiet, il-Qorti tal-Appell fis-sentenza tagħha fil-kawża **Grech pro et noe vs Manfre`**[11] qalet hekk:

> *... huwa rekwizit oggettiv u mhux soggettiv, ma jiddependix mill-element diskrezzjonali tal-gudikant, jew il-jeddijiet jidhru 'prima facie', ma' l-ewwel daqqa t'ghajn, jew ma jidhru xejn, ghall-finijiet tal-hrug tal-mandat.*

L-elementi li jwasslu għall-ħruġ tal-Mandat huma kumulattivi u mhux alternattivi. Li allura jfisser illi jekk xi wieħed mill-elementi ma jirriżultax, il-Qorti hija obbligata tiċħad it-talba għall-ħruġ tal-Mandat mitlub. Huwa ukoll riaffermat li l-proċedura tal-lum hija maħsuba biex tkun waħda sommarja.

Il-fatt illi tintlaqa` talba għall-ħruġ tal-Mandat, m`għandux ifisser li l-jedd huwa ippruvat. Kif daqstant ieħor m`għandux ifisser li jekk il-ħruġ tal-Mandat ikun miċħud, allura l-jedd pretiż ma jeżistix. Unikament għall-fini

[11] 14 ta` Lulju 1988, (Kollez. Vol. LXXII.II.290)

tal-akkoljiment o meno tat-talba, mhux kompitu ta` din il-Qorti li tqis il-pretensjonijiet tal-partijiet fil-mertu.

Ħadd mill-partijiet ma jista` jew m`għandu jippretendi li mad-"*daqqa t`ghajn*" għandha tkun propju din il-Qorti li tiddeċiedi hi l-mertu tal-kwistjoni bejn il-partijiet bil-proċedura speċjali u partikolari tal-Mandat ta` Inibizzjoni.

Finalment irid jiġi preċiżat ukoll illi l-Mandat ta` Inibizzjoni huwa mezz proċedurali eċċezzjonali. Għalhekk ma jistax ikun hemm il-ħruġ tal-Mandat jekk il-ħsara li minnha r-rikorrent ikun qiegħed jilmenta tkun tista` tiġi rimedjata mod ieħor.

Dan kollu qed jingħad sabiex il-kontendenti jifhmu li l-mansjoni ta' din il-Qorti mhuwiex li tiddeċiedi finalment dwar il-pretensjonijiet tagħhom fil-mertu iżda huwa limitat u ċirkoskritt biex tara jekk huwiex sodisfatt dak li trid il-liġi sabiex ikun operattiv Mandat ta` Inibizzjoni.

**Ikkunsidrat Ulterjorment**:

A skans ta' ripetizzjoni, b'żieda mal-atti ppreżentati, il-Qorti fehmet, mit-trattazzjoni tad-difensuri, illi r-rikorrenti noe ddikjara illi **l-ewwel żewġ talbiet** ġew issa eżawriti bit-trapass ta' żmien u ma kienx qed jinsisti dwarhom u l-Qorti sejra għalhekk tgħaddi sabiex tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tagħhom.

Ir-rikorrenti Kontantyin Sobol jsostni illi huwa għandu kull interess, *qua* azzjonist minoritarju tal-kumpannija MB Shipping Limited, illi l-istess kumpannija titmexxa b'mod tajjeb, filwaqt illi l-istess kumpannija msemmija, *qua* rikorrenti, ukoll trid illi hija titmexxa tajjeb mid-diretturi tagħha.

Ir-rikorrenti noe jsostni illi t-talbiet huma speċifiċi u mhumiex intiżi biex twaqqaf il-kumpanija, imma biex fiċ-ċirkostanzi u fl-isfond tad-diżgwid bejn is-soċji, il-kumpannija titmexxa minn direttur li mhux wieħed mill-azzjonisti.

Dwar il-preġudizzju huwa jsostni illi hemm kolass totali bejn is-soċji u jidher ċar illi kull naħa qed tara l-interessi tagħha aktar milli dawk tal-kumpannija. Jispjega illi l-Mandat huwa neċessarju peress illi din il-proċedura u dik ai termini tal-Artikolu 402 tal-KAP 386 huma azzjonijiet distinti minn xulxin u mhux inkompatibbli.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Illi min-naħa tiegħu, l-intimat noe spjega illi azzjonist maġġoritarju għandu kull dritt, kemm bl-istatut tal-kumpannija u kif ukoll bil-liġi, illi jaħtar direttur, u jagħmel referenza għall-Artikolu 140 tal-KAP 368 tal-Liġijiet ta’ Malta.

Isostni illi r-rikorrenti qed jitilqu mill-presuppost ipotetiku illi direttur ġdid mhux ser jaħdem u jaġixxi fl-interess tal-kumpanija u jikkawża preġudizzju – imma bbażat fuq suppożizzjoni, ir-rikorrenti ma jista’ qatt ikollhom dritt *prima facie* ppruvat u wisq anqas x’jipproteġu.

Isostni illi li r-rikorrenti jassumu illi direttur ġdid ser jimxi kontra l-interessi tal-kumpannija hija biss assunzjoni li ma tista’ qatt twassal biex tikkonvinċi lill-Qorti illi r-rikorrenti għandhom xi jedd *prima facie* x’jikkawtelaw. Jsostni illi ma nġiebet ebda prova illi l-ħatra ta’ direttur ġdid ser tikkawża preġudizzju – proprju għaliex tali prova ma tistax issir, u għalhekk filwaqt illi r-rikorrenti jridu jwaqqfu lis-soċji maġġoritarji milli jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom skond l-istatut u l-liġi, fl-istess waqt qed jittentaw jagħmlu dan fuq assunzjonijiet fittizji.

L-intimat noe jgħid ukoll illi ma għandux ikun illi kull darba illi jkun hemm *breakdown* fir-relazzjoni bejn il-membri ta' kumpanija, allura b'daqshekk ikun ifisser illi għandu jieqaf l-operat tal-kumpanija u nneħħu id-drittijiet tal-azzjonisti biex jassikuraw illi l-kumpanija tibqa', fiċ-ċirkostanzi, miexja l-quddiem.

**Ikkunsidrat Ultejorment:**

Illi bħala sfond fattwali, jirriżulta illi bejn il-partijiet fl-ismijiet inversi hemm proċeduri quddiem il-Qorti Ċivili Prim Awla, Sezzjoni Kummerċ ai termini tal-Artikolu 402 tal-KAP 386, u din il-Qorti, f'dan id-digriet, qed tagħmilha ċara illi dak li jingħad hawnhekk qed jingħad biss ai finijiet ta' dawn il-proċeduri u b'ebda mod ma għandhom jinftehmu jew jiġu nterpretati illi għandhom xi relevanza għall-vertenza msemmija.

Issa, jirriżulta illi s-soċjeta' kummerċjali MB Shipping Limited (C-40945) hija kumpanija reġistrata Malta u għandha kapital azzjonarju awtorizzat ta' ħamest' elef Dollaru Amerikan ($5,000) maqsuma f'ħamest elef ishma ordinarji b'valur ta' Dollaru Amerikan ($1) kull sehem. Dawn huma maqsuma in kwantu għal 1875 sehem ta' Iurii Degtiar, 1250 sehem ta' Mykailo Tretiak, it-tnejn intimati u li allura bejniethom għandhom is-sehem maġġoritarju, u jibqa' s-soċju l-ieħor, li waħdu huwa minoritarju, ir-rikorrenti Konstantyin Sobol b'1875 sehem.

Jirriżulta ukoll illi ċerta Tetiana Tsypkunova, detentriċi ta' passaport Ukren, tokkupa l-kariga ta' l-uniku direttur vestita bl-amministrazzjoni u r-rappreżentant legali u ġudizzjarja tal-kumpanija.

Jirriżulta illi fl-4 ta' Frar 2025, l-azzjonisti intimati Degtiar u Tretiak (allura bejniethom l-azzjonisti maġġoritarji) talbu lid-direttriċi sabiex

tissejjaħ Laqgħa Ġenerali Straordinarja u sabiex jittieħed vot *inter alia* fuq żewġ riżoluzzjonijiet, cioe', (i) it-tneħħija tagħha minn direttriċi u (ii) il-ħatra ta' Mykhailo Tretiak bħala direttur.

Minn hawn l-quddiem jirriżulta illi eskalaw l-problemi bejn is-soċji u anke ngħata bidu għal sensiela ta' proċeduri legali minn kull parti.

**Ikkunsidrat Ulterjorment:**

Illi l-Qorti tibda biex tgħid illi ma tħossx illi r-rikorrenti rnexxielhom jippruvaw fil-grad rikjest mil-liġi illi għandhom xi dritt *prima facie* illi jinħtieġ li jikkawtelaw.

Il-Qorti tqis illi anzi huwa dritt tal-intimati illi jitolbu illi tinżamm laqgħa ġenerali kif minnhom mitlub, u huwa ukoll dritt tagħhom mogħti bl-Artikolu 140 tal-KAP 386 tal-Liġijiet ta' Malta illi jitolbu, sakemm bejniethom jgħoddu l-ishma maġġoritarji, illi jkun hemm bidla fid-diretturi tal-kumpannija.

L-**Artikolu 140(1) tal-KAP 386** jghid espressament hekk:

> *Kumpanija tista' tneħħi direttur qabel ma jgħaddi ż-żmien tal-kariga tiegħu b'riżoluzzjoni li tittieħed f'laqgħa ġenerali tal-kumpanija u mgħoddija minn membru jew membri li jkollhom il-jedd li jattendu għaliha u jivvutaw, li flimkien ikollhom azzjonijiet li jagħtu l-jedd lid-detentur jew detenturi tagħhom għal iktar minn ħamsin fil-mija tal-jeddijiet tal-vot marbuta mal-azzjonijiet rappreżentati u li jagħtu l-jedd għal vot fil-laqgħa.*

Il-Qorti tqis illi dan ifisser illi mhux talli ma jirriżultax illi r-rikorrenti ppruvaw fil-livell li trid il-liġi illi huma għandhom jedd mad-daqqa t'għajn sabiex iwaqqfu tali proċess għaż-żamma tal-laqgħa ġenerali, imma ifisser illi l-intimati għandhom kull dritt, sakemm qed jaġixxu flimkien bl-iskop tal-

ismha maġġoritarji, illi jitolbu ż-żamma ta' laqgħa ġenerali għar-raġunijiet minnhom indikati.

Il-Qorti trid tfakkar illi rikorrent fi proċeduri ta' din ix-xorta irid jindika b'mod ċar, u ulterjorment jipprovah fil-grad li trid il-liġi, ix-xorta tal-pretensjoni tiegħu u f'dan ir-rigward ma għandux ikun ġeneriku u vag.

Ukoll, il-biża' li jsostnu illi għandhom ir-rikorrenti mhux talli ma jirriżultax ippruvat fil-grad rikjest mill-liġi, iżda jingħad ukoll illi huwa fittizju u huwa mibni fuq suspetti – ħaġa illi mhux aċċettabbli sabiex talba għal Mandat bħal dan tirnexxi, proprju minħabba li l-jedd pretiż mir-rikorrenti irid ikun jidher bħala jedd u mhux bħala riperkussjoni negattiva ta' mġieba li mhix fiha nniffisha ċensurabbli u/jew illegali.

Monk kif inhu mqar wieħed mill-elementi rikjesti sabiex il-Qorti tkun tista' tilqa' Mandat ta' Inibizzjoni, il-Qorti għalhekk ma għandha ebda triq oħra għajr illi tiċħad it-talbiet rimanenti.

**GĦALDAQSTANT**, għar-raġunijiet kollha premessi, din il-Qorti qegħda tiddeċiedi billi :

(a) **tirrevoka** *contrario imperio* d-digriet tagħha tal-21 ta' Marzu 2025 safejn il-Mandat kien milqugħ b'mod provviżorju, u

(b) **tastjeni** milli tippronunzja ruħha fuq l-ewwel żewġ talbiet għar-raġunijiet hawn fuq imsemmija, u

(c) **tiċħad** il-bqija tat-talbiet għall-ħruġ tal-Mandat b'mod definittiv.

Spejjeż ta' din il-proċedura a karigu tar-rikorrenti noe.

**Mogħti *in camera*, illum, it-Tnejn, 14 ta' April, 2025.**

| | |
|---|---|
| **Ian Spiteri Bailey** | **Amanda Cassar** |
| **Onor. Imħallef** | **Deputat Reġistratur** |